Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2126

10.10.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/2126

## tad-9 ta' Ottubru 2023

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK ([1]) dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

(2) Jenħtieġ li l-entrata li tikkonċerna entità waħda deżinjata fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK tiġi aġġornata.

(3) Għalhekk id-Deċiżjoni 2010/413/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Y. DÍAZ PÉREZ

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

*ANNESS*

Fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran", l-entrata li ġejja tissostitwixxi l-entrata korrispondenti fil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "148. | Iran Composites Institute (magħruf ukoll bħala Composites Research Laboratory (CRL)) | Iran Composites Institute,<br>Iranian University of Science and Technology,<br>16845-188, Tehran, Iran,<br>Telefon: 98 217 3912858<br>Fax 98 217 7491206<br>Posta elettronika: mailto:ici@iust.ac.ir<br>Sit web: http://www.irancomposites.org | Iranian Composites Institute (ICI, magħruf ukoll bħala Composite Institute of Iran; Composites Research Laboratory (CRL)) qed jgħin lil entitajiet deżinjati fil-ksur tad-dispożizzjonijiet tas-sanzjonijiet tan-NU u l-UE fuq l-Iran u qed jappoġġa direttament attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni. Mill-2011, ICI kien ġie kkuntratt biex jipprovdi lil Iran Centrifuge Technology Company (TESA), deżinjata mill-UE, bi skrejjen ta' ċentrifuġu IR-2M. | 22.12.2012". |